MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 925/2011

**Valletta Gateway Terminals Limited (C-38888)**

**Vs**

**Victor Catania**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Ottubru, 2011** u li permezz taghha hija talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf mitejn u hamsin euro [€1,250] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas is-somma ta' elf mitejn u hamsin ewro (€1,250) rapprezentanti danni likwidati in linea ta' hsara li s-socjeta attrici giet kostretta thallas lil O.F. Gollcher & Sons Limited bhala impurtatur ta' vetturi godda tal-ghamla Isuzu, u dana b'konsegwenza ta' incident li sehh nhar l-20 ta' Dicembru 2010 fuq il-bastiment MV Euroferry Malta meta, waqt li l-konvenut fil-

vesti tieghu bhala haddiem tax-xatt kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Isuzu tat-tip “Cab Van” bic-chassis numru JAANMR85HA7100719, injora s-sinjali fuq il-bastiment kif ukoll l-istruzzjonijiet tac-Chief Officer, u konsegwentement laqghat it-travi tal-hadid tas-saqaf tal-hold tal-imsemmi bastiment, u kkaguna hsara fis-saqaf tal-vettura msemmija li kien misjuqa minnu u dana kollu sehh b’tort, b’negligenza grossolana, bi traskuragni u b’nuqqas serju ta’ osservanza tar-regolamenti lkoll imputabbli lill-istess konvenut.

Bl-ispejjez u bl-interessi mill-20 ta’ April, 2011 meta sar il-hlas mis-socjeta attrici lill-O.F. Gollcher & Sons Limited, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-22 ta’ Novembru, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

1. “Preliminarjament, in-nuqqas ta’ kompetenza tat-tribunal ghal Talbiet Zghar li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, stante li tali kompetenza hi vestita fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg, ai termini tar-Raba Skeda tal-Kap. 387;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma legalment insostenibbli, stante li s-socjeta rikorrenti ghandha hi stess l-obbligu impost fuqha skont il-ligi li bhala terminal operator, tipprovdi kopertura adatta ta’ assigurazzjoni biex tezimi lill-haddiema tal-port minn kull responsabbilta ghal danni, sakemm dawn ma jkunux kagunati bi traskuragni kbira, u dan ai termini tar-regolament 21A (7) tal-Avviz Legali 90 tal-2003 kif sussegwentement emendat [Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port]; illi fil-kaz odjern hi eskluza t-traskuragni grossolana, indubbjament;

3. Illi jispetta lis-socjeta attrici li tressaq provi precizi in sostenn ta’ dak li qed tallega;

4. Illi subordinatament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess l-imghax legali m’ghandux ikun

dekorribbli mid-data li fiha effettivament sar il-hlas mis-socjeta rikorrenti, izda mill-jum li fih gie ntavolat l-avviz odjern;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra".

Ra l-verbal tas-7 ta' Marzu, 2012 fejn "*il-partijiet qablu li l-incident in kwistjoni sehh fuq il-bastiment MV Euro Ferry Malta u l-hsara sehhet fis-saqaf tal-vettura misjuqa mill-konvenut meta din habtet ma travu tas-saqaf tal-imsemmi bastiment"*.

Ra s-sentenza preliminari datata 27 ta' April, 2012;

Ra l-verbal tat-18 ta' Gunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-punt sollevat mit-Tribunal dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni o meno tieghu li jiddeċiedi dan il-kaz u dan in vista ta' dak li jghid l-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380;

Ra l-verbal tal-lum stess fejn il-partijiet qablu li tinghata sentenza ukoll fuq il-mertu tal-kawza;

Ra l-atti u semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

1. Illi t-Tribunal qajjem huwa stess il-possibilita li t-Talba odjerna taqa lil hinn mill-gurisdizzjoni tieghu u dan in vista ta' dak li jinghad fl-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380. Dan l-artikolu tal-Ligi jaqra hekk:

"(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus (*money claims*) ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):

Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

2. Din l-eccezzjoni tista titqajjem marte proprio mit-Tribunal[1]. F'dan ir-rigward jinghad li fis-sistema guridika taghna *l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit*[2]. *Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku*[3] *u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet*[4].

3. B'hekk it-Tribunal huwa fid-dmir li *ex officio* jissolleva l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tieghu li jisma' u jiddetermina dan il-kaz, u ghalhekk ghandu jghaddi biex jaghti decizjoni fir-rigward.

4. Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €1,250 rapprezentanti dan l-ammont "*... danni likwidati in linea ta' hsara li s-socjeta attriċi ġiet kostretta thallas lil O.F. Gollcher & Sons Limited bhala impurtatur ta' numru ta' vetturi ġodda tal-ghamla Isuzu, u dana b'konsegwenza ta' inċident li sehh nhar l-20 ta' Dicembru 2010*" (fol. 2). Dan l-incident, tkompli tghid is-socjeta rikorrenti "*... sehh b'tort, b'negligenza grossolana, bi traskuraġni u b'nuqqas serju ta' osservanza tar-regolamenti lkoll imputabbli lill-istess konvenut*" (fol. 2). L-intimat cahad dak attribwit lilu mis-socjeta rikorrenti. Dan ifisser, fil-fehma tat-Tribunal, li huwa jrid jiddeċiedi (1) jekk l-intimat huwiex responsabbli ghal dan l-incident; (2) jekk dan l-incident sehhx minhabba

[1] Ara artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

[2] **Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara**, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; **Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana**, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981).

[3] Vol. XXIX pII p468

[4] **Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia**, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981; **John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe**, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, **Sea Services Limited v. Paul Aquilina**, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001 u **Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja**, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' Settembru 2011.

traskuragni kbira da parti ta’ l-intimat; mbaghad wara li jasal ghal dawn il-konkluzzjonijiet (3) jghaddi biex jara jekk l-ammont rekalamat mis-socjeta rikorrenti bhala danni huwiex gust u jimmeritax li jiġi ikkonfermat. Kif diġà rajna, l-artikolu 3(2) tal-Kap. 380 jistipula li dan it-Tribunal ghandu ġurisdizzjoni jisma u jaqta **biss** it-talbiet kollha ta’ flus (*Money claim*). Din it-Talba odjerna taqa f’din id-definizzjoni ta’ *Money claim*?

5. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza minnu moghtija fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet **Jean Pierre Farrugia vs Patrick Cachia** deċiża fl-24 ta’ Gunju, 2013. Ghal pratticita sejjer jiccita l-partijiet relevanti ghal kaz odjern minn dik is-sentenza hawn taht. Il-mistoqsija posta f’dik il-kawza kienet **x’inhi l-gurisdizzjoni u kompetenza ta’ dan it-Tribunal?**

6. Nibdew billi naraw li **s-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380** li jaqra hekk:

“(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux iżjed minn tliet elef u erba’ mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):

Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f’dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-istess talba.

(3) (*a*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta’ diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għall-istess raġuni, il-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

(*b*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta’ diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

(*ċ*) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-

talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06)."

7. Dan ifisser li **<u>bla hsara ghal dak li jghid is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 380</u>**, dan it-Tribunal ghandu:

i. jisma' u jaqta' **<u>biss it-talbiet kollha ta' flus</u>** ta' ammont ta' **<u>mhux iżjed</u>** minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06), b'dan illi fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

8. Ghar-rigward tal-ammont ta' €3,494.06c imbaghad il-ligi tistipula fis-**sub-artikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380** li:

i. Meta jintalab il-hlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għall-istess raġuni</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

ii. Meta jintalab il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għal raġunijiet differenti</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

iii. Meta t-talba **<u>tkun għal kapitali u mgħaxijiet</u>**, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06).

9. U **s-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Kapitolu 380** jaqra hekk:

"Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri tliet elef u erba'

mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06), u kawzi ta’ zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal”.

10. Minn qari ta’ dan is-sub-artikolu tal-ligi jirrizulta li t-Tribunal **huwa pprojbit** mil-Ligi mill-jiddeciedi:

i. Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta’ beni immobbli;

ii. pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma’ l-immobbli,

u dan minkejja li t-talba ma tkunx tiskorri €3,494.06; u

iii. kawzi ta’ zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli.

11. U skond **is-subartikolu (2) tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380** jghid li t-Tribunal **ghandu jissospendi** l-procedimenti quddiemu jekk:

(a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta’ eċċezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa’ barra mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; u/jew

(b) ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-eżitu tagħha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.

12. Hija l-fehma konsiderata ta’ dan it-Tribunal, li jekk wiehed jaqra dan l-artikolu tal-ligi u jinterpretah fid-dawl ta’ dak li inghad hawn fuq, jirrizulta li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jiddeciedi dawk il-kawzi kollha li ma humiex specifikatament eskluzi mis-sub-artikolu 5 ta’ l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380, jew minn xi ligi ohra ta’ liema xorta hi, u **basta** li dawn il-kawzi, jkunu jitrattaw dwar flus u l-ammont, salv dak li hawn fuq riportat, ma jkunx jeccedi t-€3,494.06c.

13. Issa fil-kaz odjern, biex it-Tribunal ikun jista jiddeċiedi dwar jekk is-socjeta rikorrenti haqqiex jew le li

tirreklama l-ammont mitlub fit-Talba minghand l-intimat, huwa bilfors ikollu jiddeċiedi fuq ir-responsabbilita ta' l-intimat u cioe jekk huwa kienx jahti ghal fatt li kkawza d-danni jew le bi traskuraġni tieghu. Oltre dan, ma jirriżultax mill-artikolu 3(5) tal-Kap. 380 li t-Tribunal huwa pprojbit milli jiddeċiedi dawn it-tip ta' każijiet u ghalhekk filwaqt li jikkonferma li huwa ghandu l-gurisdizzjoni mehtiega sabiex jiddeċiedi dan il-kaz, huwa sejjer jghaddi biex jiddeċiedi l-mertu tal-kaz stante li l-partijiet kienu ddikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi xi jressqu fuq dan il-kaz.

14. Mill-provi prodotti jirrizulta li fl-20 ta' Dicembru, 2010 waqt li kien hemm numru ta' vetturi godda fuq il-bastiment MV Euroferry Malta, sehh incident;

i. Is-socjeta rikorrenti kienet qeghda timporta numru ta' vetturi godda ta' l-ghamla Isuzu ghas-socjeta O.F. Gollcher & Sons Limited;

ii. Illi waqt li wahda minn dawn il-vetturi u senjatament il-vettura tal-ghamla Isuzu tat-tip Cab Van bic-chassis numru JAANMR85HA7100719 kienet qeghda tinhatt minn fuq l-imsemmi vapur u dan billi kienet qeghda tinstaq minn haddiem tax-xatt, il-vettura laqghtet it-travi tal-hadid tas-saqaf tal-*hold* u konsegwentement garrbet il-hsarrat riskontrati.

iii. Is-socjeta rikorrenti tghid li din il-hsara sehhet minhabba negligenza grossolana, bi traskuragni u b'nuqqas serju ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-intimat. Oltre dan, l-istess socjeta rikorrenti tghid li l-intimat injora s-sinjali fuq il-bastiment kif ukoll l-istruzzjonijiet tac-Chief Officer. L-intimat, jichad dawn l-allegazzjonijiet.

iv. **Jesmond Grima**, *operations officer* mas-socjeta rikorrenti qal li fiz-zmien li sehh l-incident huwa kien Ship operations supervisor u parti minn xogholu kien li jhejji rapport dwar dan l-incident, liema rapport gie hekk ippreżentat u mmarkat bhala dok. JG 1 (fol. 24). Huwa qal

li ma kienx preżenti meta sehh l-incident, u kien mar fuq il-post meta baghat ghalih il-*first officer* tal-vapur. Huwa qal li l-vettura kellha tiġi discharged mill-vapur mill-intimat u cioe li huwa jniżżel din il-vettura minn fuq il-vapur ghal fuq it-*terminal*. Zied ighid li xoghol l-intimat kien li jniżżel din il-vettura, u ohrajn, billi "*... jsuqhom mill-poppa lejn il-pruwa jdur jerga fid-direzzjoni tal-poppa u jinżel ir-rampa ghal go point two, point two qed nirreferi ghad-deck. Minn hemmhekk imbaghad jibqa nieżel ghal gor-rampa barra.*" (fol. 24). Ix-xhud żied ighid li kien hemm diġà diversi vetturi illi kienu niżlu b'dan il-mod. Qal ukoll li "*il-vapur fid-direzzjoni tal-pruwa jiġi iktar tappered jiġifieri s-saqaf tieghu huwa iktar baxx. Fuq il-vapur ghandek is-sinjali li jindikawlek dan*" (fol. 24). Dawn is-sinjali huma dawk li jidhru fir-ritratti li gew esebiti mar-rapport tieghu.

Ix-xhud qal li l-incident sehh meta l-intimat, li kien qieghed isuq vettura tat-tip *pickup truck*, ghadda minn dik il-parti li kienet intiża ghall-karozzi. L-intimat, jishaqq dan ix-xhud, ma messu qatt ghadda min hemm. Ic-*chief officer* tal-vapur, qal lix-xhud li kien hemm bahri li kien qieghed jaghmel sinjal lill-intimat sabiex jigbidlu l-attenzjoni li huwa kien dahal fiz-zona li kienet intiża ghal karozzi biss. Qal li l-habta sehhet meta l-intimat kien qieghed jaghmel U-turn u kaxkar is-saqaf tal-pick up van li kien qieghed isuq. Il-van habat ma *beam structure* tal-vapur liema *beam structure* hija tal-lewn ahmar bhal dawk li hemm fir-rapport tieghu u li gie esebit f'dawn il-proceduri. Kien ghalhekk li x-xhud stqarr li l-incident li sehh, sehh tort ta' l-intimat l-ghaliex kien ghaddej minn post li mhux suppost kellhu jghaddi.

In kontro-ezami qal li il-parti ta' taht ta' kull travu hija mizbugha bil-kulur ahmar u dan kif jidher fir-ritratt li hemm a fol. 34,35 u 37. Zied ighid li kull minn ikun qed isuq pick up mhux suppost li jaqbeż linja li jkun hemm fl-art tal-vapur.

In ri-ezami qal li dan l-incident sehh minhabba t-traskuragni ta' l-intimat l-ghaliex huwa ma mexxiex mas-sinjali u l-marki li kien hemm.

v. **Doreen Curmi**, Assistant Manager fil-Legal and Claims Department tas-socjeta rikorrenti bdiet billi qalet li l-intimat huwa *licensed port worker* u li certu xoghol fix-xatt ikun irid isir minn dawn il-haddiema u dan skond il-Port Workers Ordinance. Il-haddiem tax-xatt, tkompli tghid ix-xhud, jithallas mis-socjeta rikorrenti u dan ghal kull bicca xoghol li jaghmel. Il-hlas mis-socjeta rikorrenti jmur ghand il-*Manager* tal-port workers li imbaghad da parti tieghu jhallas lill-istess haddiema tax-xatt. L-intimat kien ilu snin twal jahdem bhala haddiem tax-xatt. Qalet li minn investigazzjoni li ghamelt, irrizultala li l-intimat baqa ghaddej meta sehh l-incident u kellhu jitwaqqaf mill-haddiema tal-vapur (fol. 43). Ziedet tghid li s-socjeta minnha rapprezentata hija obbligata li tkopri lill-haddiema tax-xatt b'assikurazzjoni, izda din ma tkoprix kazijiet ta' *gross negligence*. Is-socjeta minnha rapprezentata qeghda tghid li f'dan il-kaz kien hemm *gross negligence* (traskuragni kbira). Dan l-incident kien tort ta' l-intimat u l-fatt li hu kellu snin twal ta' esperjenza jkompli jiggrava dan il-kaz tghid ix-xhud. In kontro-ezami, hija qalet li l-vettura involuta f'dan l-incident kienet tat-tip pickup van u ma ghandekx bzonn li jkollok licenzja specjali sabiex isuq din it-tip ta' vettura l-ghaliex din kienet taht it-3,500 tunnellata. Kien jispetta lill-intimat, tghid ix-xhud, li jara kemm kien hemm gholi minn fejn kien ghaddej.

vi. **L-intimat** xehed fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2012 u qal li huwa haddiem licenzjat tax-xatt. Kompla jghid li "*dakinhar li sehh l-incident u cioe l-ghoxrin (20) ta' Dicembru elfejn u ghaxra (2010) jiena ghal ewwel hallejt il-containers minn fuq il-vapur. X'hin lestejna dak ix-xoghol imbaghad ghaddejna biex innizlu l-vetturi li kien hemm fuq l-istess vapur ghal fuq l-art*" (fol. 47). Qal li s-socjeta rikorrenti jew il-foreman ma joqghodux jghidulhom minn fejn iridu jghaddu jew xi jridu jaghmlu. Xogholu kien li jnizzel il-karozzi ghal fuq l-art u hekk ghamel. Qal li "*lanqas distinzjoni ma jaghmlulna bejn karozza u ohra*" (fol. 47). Qal li kien hu li kien qieghed isuq il-van dak-in-nhar li sehh l-incident. Zied ighid li "*x'hin bdejt insuq din il-vettura mbaghad hassejt xi haga mas-saqaf u cioe tkaxkira fuq*" (fol. 47). Xehed li ma kienx jaf x'kien gara pero imbaghad x'hin hareg mill-van huwa sab is-saqaf tal-

van mas-saqaf tal-vapur. Qal li kien nizzel vetturi ohra minn fuq dan il-vapur pero ma ftakarx jekk kienx qabel jew wara li sehh l-incident. Qal li "*peress li dan il-van kien aktar gholi mill-karozzi l-ohra suppost li kellu jkun hemm xi hadd sabiex jghidli minn fejn ghandi nghaddi*" (fol. 47-48). Meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx hemm sinjali fuq il-vapur l-intimat wiegeb fl-affermattiv. Zied ighid li "*wiehed irid japprezza wkoll li dak il-hin ikun hemm hafna genn u li jkun hemm hin stipulat sabiex il-vapur jitnizzlu l-vetturi minn fuqu*" (fol. 48).

In kontro-ezami, huwa qal li hu kien ilu jahdem 33 sena bhala haddiem licenzjat. Qal li gieli jkun hemm xi 15 jew 18-il haddiem inizzlu l-karozzi minn fuq il-vapur u ghalhekk, jkompli jghid l-intimat "*... ma jistax ikun li jkun hemm xi hadd max-xufiera kollha biex jghidilhom minn fejn jghaddu u minn fejn ma jghaddux*" (fol. 48). Meta gie mistoqsi jekk huwa kienx ra s-sinjal l-ahmar li jidher fit-ritratt a fol. 32 [li gie rinumerat ghal 34] tal-process, l-intimat qal li "*... dak is-sinjal ahmar kont rajtu hemmhekk qabel ma ghaddejt bil-vettura l-ghaliex kont diga ghaddejt minn hemm*" (fol. 48). Zied ighid li "*dak is-sinjal ahmar naqbel illi qieghed hemmhekk biex jigbidlek l-attenzjoni u li jistghu jghaddu biss minn dik il-parti karozzi biss*" (fol. 48). Qal li "*tant ikun hemm genn fuq il-vapur illi tirringrazzja l-Alla li tohrog haj*" (fol. 48). Imbaghad qal, b'referenza ghas-sinjal ahmar li qal li kien ra waqt li kien qieghed isuq il-vettura illi huwa seta' kien gej mill-faccata tieghu u allura mhux bilfors li kien jidher. Qal li hadd ma kien gibidlu l-attenzjoni li dan il-van kien gholi aktar mill-ohrajn u li suppost kien hemm xi hadd li jghidlu "*... isma dak il-van huwa gholi aktar mill-ohrajn u allura tghaddix minn hemm*" (fol. 48). Xehed li "*jiena ma ndunajtx li dan il-van kien differenti mill-vetturi l-ohra li kont qieghed insuq*" (fol. 48). Kieku nduna ma kienx ser jaghmel hekk kompla jghid l-intimat.

Fir-ri-ezami tieghu, l-intimat qal li "*... ma nafx li hemm sinjali minn fejn jghaddu vannijiet kbar*" (fol. 48-49). Qal li "*la l-van dahal hemmhekk allura jiena ghandi nifhem illi l-van ser johrog minn hemmhekk*" (fol. 49). Fi 33 sena, qal

l-intimat, huwa qatt ma kellu incident. Malli hass is-saqaf tal-vapur mas-saqaf tal-van l-intimat qal li huwa waqaf.

vii. **Charles Portelli,** l-foreman tal-Port Workers qal li meta sehh l-incident kien hemm zewg foreman. Wiehed *on board* u l-iehor *on shore*. Hu kien qieghed fil-vapur u xogholu kien li jissorvelja u jara li l-haddiema tax-xatt ma jaghmlux hsara. Dak-in-nhar ta' l-incident kien hemm madwar 16-il haddiem tax-xatt. Ghalkemm jiftakar li sehh dan il-kaz, ix-xhud qal li ma kienx prezenti meta sehh. Dwar l-intimat, dan ix-xhud ighid li "*... huwa wiehed mill-aqwa xufiera li ghadna*" (fol. 52). Kompla jghid illi kieku kien hemm il-*cones*, l-incident ma kienx isehh. Ghar-rigward tal-vapur, huwa qal li l-art tieghu tkun titla u tinzel u dan sabiex ikunu jistghu jdahhlu aktar karozzi skont l-gholi taghhom u ghalhekk mhux bilfors ghax ikun dahal van ta' certu gholi "*... dak il-van jista jghaddi minn kullimkien u ghalhekk trid toqghod iktar attent waqt li tkun qieghed issuq*" (fol. 52). Fil-fehma tieghu dan l-incident sehh tort tal-*crew* tal-vapur u dan peress li ma kienx hemm *cones* jew bahri biex jidderigi lill-haddiema tax-xatt.

viii. **Joseph Saliba** il-President tal-Malta Dockers Union qal li t-*terminal operator* ghandu jara li l-haddiem tax-xatt ikun kopert b'assikurazzjoni sabiex jekk jinqala xi incident li ma jkunx b'mod volontarju allura hu jkun kopert. Xehed li jekk l-incident ikun sar volontarjament allura l-haddiem ma jkunx kopert. Qal li ghar-rigward tal-van li kien mertu ta' l-incident li sehh fl-20 ta' Dicembru 2010, l-intimat ma kellhux bzonn licenzja specjali biex isuqu. Qal li waqt l-operazzjoni, kulhadd ikun ghaddej b'mod mghaggel u dan sabiex il-vapur jitbattal malajr kemm jista jkun u jkun jista jitlaq ghal destinazzjoni ohra. In kontro-ezami qal li meta kien qed jirreferi ghal hsara volontarja, huwa kien qieghed jirreferi ghal dak li kien gie diskuss bejn l-awtoritajiet u l-Union minnu rapprezentata. Eventwalment, fil-ligi ddahhlu l-kliem *gross negligence*.

ix. **Jonathan Camilleri**, *surveyor* u *loss adjuster* mas-socjeta Gollcher and Sons Limited qal li s-socjeta minnu rappreżentata kienet irċeviet is-somma ta' €1,250 ghal inċident li kien sehh fl-20 ta' Dicembru, 2010 fejn kien hemm involuta vettura tat-tip Isuzu Cab Van. Il-pagament kienu rcevewh fit-18 ta' April, 2011.

15. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat kontenuta fir-risposta tieghu diġà ġiet trattata bis-sentenza ta' dan it-Tribunal datata 27 ta' April, 2012.

16. It-tieni eċċezzjoni tieghu hija fis-sens li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma legalment insostenibbli stante li s-socjeta rikorrenti ghandha hi stess l-obbligu impost fuqha skont il-ligi li bhala *terminal operator*, tipprovdi kopertura adattata ta' assigurazzjoni biex tezimi lill-haddiema tal-port minn kull responsabbilta ghal danni, sakemm dawn ma jkunux kaġunati bi traskuraġni kbira, u dan ai termini tar-regolament 21A(7) tal-Avviz Legali 90 tas-sena 1993 [Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port] kif sussegwentement emendat maghmul taht il-Kapitolu 171. L-intimat stqarr, fir-risposta tieghu li fil-kaz odjern hi eskluża t-traskuragni grossolana, indubbjament.

17. **Ir-regolament 21A (7) tal-Avviz Legali 90 tas-sena 1993** kif sussegwentement emendat, maghmul taht il-kappa tal-Kapitolu 171 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

(7) L-operaturi ta' terminal u principali ohra ta' haddiema tal-port ghandhom jipprovdu kopertura adatta ta' assigurazzjoni biex tezimi lill-haddiema tal-port minn kull responsabbiltà ghal danni fil-proprjetà u lil terzi sakemm dawk id-danni ma jkunux jirrizultaw minn traskuragni kbira min-naha tal-haddiema tal-port.

18. Ma huwiex kontestat li l-intimat kien involut f'incident li sehh fuq il-vapur MV Euroferry Malta fl-20 ta' Dicembru, 2010. Ll qieghed jigi kkontestat huwa li dan l-agir ta' l-intimat ma kienx jammonta ghal traskuragni kbira hekk kif tghid il-ligi. It-Tribunal jifhem li bl-uzu ta' dan il-kliem, il-ligi qeghda tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji li ma ghandux jiehu minhabba l-probbabilita ta' hsara

li tista tirrizulta lil terzi jew lil proprjeta ta' terzi kif ukoll ghal kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji (Ara **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[5] deċiża mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997).

19. Issa fil-kaz odjern, jirrizulta lit-Tribunal li l-intimat ma tantx ha prekawzjonijiet sabiex jara li dan l-incident ma jsehhx. Jidher li huwa kien indifferenti ghal ahhar minn dak li kien qieghed jaghmel u dan jista jkun ukoll minhabba l-fatt li kif xehedu hafna f'dawn il-proceduri, l-haddiem tax-xatt, skond il-ligi, ghandu jkun kopert ghal hsarat li jsiru. L-uniku istanza fejn huwa ma jkunx kopert huwa meta l-hsara tkun saret bi traskuraġni kbira tieghu. In sostenn tal-konkluzzjoni tieghu f'dan ir-rigward, it-Tribunal jirrileva li skond ma xehed l-intimat stess, huwa kien ilu 33 sena jahdem bhala haddiem tax-xatt liċenzjat u allura kellhu esperjenza vasta f'dan ix-xoghol li kien qieghed jaghmel. L-intimat ighid li s-socjeta rikorrenti jew il-*foreman* ma joqghodux jghidulhom minn fejn iridu jghaddu jew xi jridu jaghmlu u li "*lanqas distinzjoni ma jaghmlulna bejn karozza u ohra*" (fol. 47). It-Tribunal jistaqsi kif persuna b'din l-esperjenza tghid li xi had irid jaghmlilha distinzjoni bejn karozza u ohra? Anke persuna bla esperjenza ghandha tara li karozza ma hijiex l-istess bhala pickup van. L-intimat kien ra s-sinjali l-homor u kien ra li fuq dawn is-sinjali homor kien hemm il-kliem "Cars Only" allura huwa ma messu qatt ipprova jghaddi minn fejn ghadda bil-pick up van li kien qieghed isuq. Messu induna li l-pick up van huwa iktar gholi minn karozza normali. Li kieku uza diligenza ta' bonus paterfamilias dan l-episodju ma kienx isehh. Jekk kellu dubju messu waqaf u staqsa lil xi hadd sabiex jiddiregih u mhux jaqbad u jsuq u imbaghad jara x'jigri. Jekk kien hemm hafna genn fuq il-vapur, bhal ma jghid l-istess intimat dan ma jezentahx milli joqghod attent f'xogholu. Mhux talli waqaf u talab ghal ghajnuna tal-foreman jew supervisor jew ta xi had iehor, talli qabad u ghadda fejn kien hem is-sinjal ahmar, liema sinjal, fi kliem l-intimat stess "*qieghed hemmhekk biex jigbidlek l-attenzjoni u li jistghu jghaddu biss minn dik il-parti karozzi biss*" (fol. 48). L-intimat waqt ix-xhieda tieghu

[5] Per S.T.O. Prim' Imhallef V. DeGaetano

qal ukoll li had ma gibidlu l-attenzjoni tieghu li l-pick up van li kien qieghed isuq kien iktar gholi mill-karozzi l-ohra u biex jghidulu li ma setax jghaddi minn fejn ghada. Possibbli li l-intimat ma indunax li kien qieghed isuq pick up van u mhux karozza? Possibbli kellu jkun hemm persuna ohra biex tigbidlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt? It-twegibiet ghal dawn iz-zewg mistoqsijiet ghandhom ikunu fin-negattiv. Illi dan kollu jwassal lit-Tribunal sabiex jasal ghal konkluzzjoni li l-intimat agixxa bi traskuragni kbira fis-sewqan ta' dan il-pick up van u ghalhekk huwa personalment responabbli ghal hsara u danni li garrbet is-socjeta rikorrenti.

20. Illi ghar-rigward ta' l-ammont ta' danni mhallsa mis-socjeta rikorrenti minhabba dan l-incident, it-Tribunal huwa sodisfatt bil-provi miġjuba f'dan ir-rigward u jinghad ukoll li l-intimat qatt ma ressaq provi li b'xi mod setghu juru li dawn ma ghandhomx mis-sewwa. Ghalhekk sejjer jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti.

21. Finalment, ghar-rigward tal-kwistjoni ta' l-imghaxijiet jinghad li l-intimat ghandu raġun f'dan ir-rigward u dan peress li l-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat ghal hlas ta' l-ammont mitlub sar b'dawn il-proceduri u konsegwentement sejjer jilqa din ir-raba eċċezzjoni fir-risposta ta' l-intimat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jiddikjara li huwa ghandu l-gurisdizzjoni mehtiega sabiex jisma u jiddeċiedi dan il-kaz;

2. Jichad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet mressqa mill-intimat fir-risposta tieghu;

3. Jilqa r-raba eċċezzjoni mressqa mill-intimat fir-risposta tieghu; u

4. Konsegwentement jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u hamsin euro [€1,250] bl-imghaxijiet

legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-24 ta' Ottubru, 2011, id-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

L-ispejjez ghandhom ikunu kollha a karigu ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------